

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 271 A

tal-Unjoni Ewropea



Volum 54

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

14 ta' Settembru 2011

Avviż Nru

Werrej

Pàgna

V Avviżi

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

2011/C 271 A/01

Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali EPSO/AD/227-228-229/11 1

Prezz: EUR 3

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJET ĠENERALI EPSO/AD/227-228-229/11

(2011/C 271 A/01)

Interessat f'karriera fl-istituzzjonijiet tagħna?
Il-profil tiegħek jikkorrispondi mal-kriterji tagħna?
Mela applika
Agħti lilek innifsek iċ-ċans li tirnexxi

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjonijiet ġenerali fuq il-bażi tal-kwalifiki u testijiet sabiex tinholq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi (*).

EPSO/AD/227/11 — ARKIVISTA (AD 6)

EPSO/AD/228/11 — TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ICT) (AD 7)

EPSO/AD/229/11 — KOOPERAZZJONI U ĠESTJONI TAL-GĦAJNUNA GĦALL-PAJJIŻI TERZI (AD 7)

L-għan ta' dawn il-kompetizzjonijiet hu li jittasslu listi ta' riżerva maħsuba biex jimlew postijiet vakanti fi ħdan l-Istituzzjonijiet Ewropej.

Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali C 184 A tat-8 ta' Lulju 2010 kif ukoll fuq il-websajt tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjonijiet, se tgħinek tiffhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.

WERREJ

- I. QAFAS ĠENERALI
- II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJET
- III. KUNDIZZJONIJET TA' AMMISSJONI
- IV. TESTIJET TA' AMMISSJONI
- V. AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦAŻLA ABBAŻI TAL-KWALIFIKI
- VI. KOMPETIZZJONIJET ĠENERALI
- VII. LISTI TA' RIŻERVA
- VIII. KIF TAPPLIKA?

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

I. QAFAS ĠENERALI

1. Numru ta' kandidati magħżula skont il-kompetizzjoni	EPSO/AD/227/11 = 13 EPSO/AD/228/11 = 71 EPSO/AD/229/11 = 45
2. Kummenti	Int tista' tapplika għal kompetizzjoni waħda biss mit-tliet kompetizzjonijiet u għal qasam wieħed biss tal-kompetizzjoni EPSO/AD/228/11. Din l-għażla għandha ssir fil-ħin tal-applikazzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku. Għall-kompetizzjoni "kooperazzjoni u ġestjoni tal-għajnuna għall-pajjiżi terzi", il-kandidat għandu jintrabat, billi jiffirma l-applikazzjoni tiegħu, li jis-sottometti ruħu għall-obbligu li jaħdem f'delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-aktar f'dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw) meta eventwalment jiġi rreklutat. Ir-reklutazzjonijiet huma previsti għal karigi fil-Kummissjoni.

II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

Deskrizzjoni tal-profil speċifiku tinsab fl-anness.

Il-profil ġenerali mfittex mill-istituzzjonijiet jinsab fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

Fid-data tal-għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika, int għandek tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kollha li ġejjin:

1. Kundizzjonijiet ġenerali

- a) Li tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- b) Li tkun tgawdi d-drittijiet ċivili tiegħek.
- c) Li tkun wettaqt kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar ir-reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari.
- d) Li tipproduċi r-referenzi dwar il-personalità mitlubin għat-tweqqif tal-funzjonijiet previsti.

2. Kundizzjonijiet speċifiċi

2.1	Kwalifiki Ara l-punt 2 tal-annessi
2.2	Esperjenza professjonali Ara l-punt 3 tal-annessi
2.3	Għarfien lingwistiku
a) Lingwa 1 u	Il-lingwa ewlenija għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
b) Lingwa 2	It-tieni lingwa (li bilfors trid tkun differenti mil-lingwa 1) għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, l-Ingliš jew il-Franċiż

IV. TESTIJET TA' AMMISSJONI

Dawn it-testijiet se jiġu organizzati għal kull kompetizzjoni/qasam jekk in-numru tal-kandidati li jkunu applikaw ikun ogħla minn 600. F'dan il-każ, int tkun infurmat permezz tal-profil tiegħek tal-EPSO.

1. Stedina għat-testijiet	Inti tiġi mistieden għat-testijiet jekk tkun invalidajt l-applikazzjoni tiegħek fil-ħin (ara t-taqsimi VIII). Attenzjoni: 1. meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek, inti tiddikjara li tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsimi III; 2. biex tipparteċipa fit-testijiet, trid tirriżerva data; din ir-riżervazzjoni għandha ssir bilfors fiż-żmien li jiġi indikat lilek permezz tal-profil tiegħek tal-EPSO.	
2. Deskrizzjoni tat-testijiet u dettalji dwar l-immarkar	Sensiela ta' testijiet ibbażati fuq mistoqsijiet b'għażla multipla bil-għan li jiġu evalwati l-kapaċitajiet u l-kompetenzi ġenerali tiegħek fir-rigward ta':	
Test a)	ir-raġunament verbali	marki: 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti
Test b)	ir-raġunament numeriku	marki: 0 sa 10 punti
Test c)	ir-raġunament astratt	marki: 0 sa 10 punti
		Il-minimu meħtieġ għat-testijiet b) u c) f'daqqa huwa ta' 10 punti
3. Lingwa tat-testijiet	Lingwa 1	

V. AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦAŻLA ABBAŻI TAL-KWALIFIKI

1. Proċedura

L-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kif ukoll l-għażla abbażi tal-kwalifiki jsiru fl-ewwel fażi abbażi tad-dikjarazzjonijiet li tkun ipprovdajt fl-applikazzjoni tiegħek.

- a) Ir-risposti tiegħek għall-mistoqsijiet dwar il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi se jkunu pproċessati sabiex jiġi ddeterminat jekk inti tagħmilx parti mil-lista tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni għall-kompetizzjoni.

Fil-każ li t-testijiet ta' ammissjoni huma organizzati minn qabel, l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi ssir, f'ordni dixxendenti tal-punti miksuba fit-testijiet ta' ammissjoni, sakemm jintlaħaq, għal kull kompetizzjoni/qasam, l-ammont ta' 600 kandidat li:

- kisbu kemm-il minimu meħtieġ kif ukoll l-aħjar marki fit-testijiet ta' ammissjoni u
- jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni

F'każ li diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post, dawn il-kandidati kollha se jiġu kkunsidrati għall-fażi ta' għażla abbażi tal-kwalifiki. L-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jiġu kklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati.

- b) Imbagħad, il-Bord tal-Għażla se jagħżel abbażi tal-kwalifiki sabiex jidentifika, fost il-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni, dawk il-kandidati li għandhom l-iktar kwalifiki rilevanti (speċjalment diplomi u esperjenza professjonali) fid-dawl tad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tal-kriterji għall-għażla deskritti f'dan l-avviż ta' kompetizzjonijiet. Din l-għażla titwettaq **biss** fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tiegħek ipprovduti fis-sezzjoni "evalwazzjoni tal-kapaċitajiet" ("Talent Screener") u ssir f'żewġ stadji:

- l-ewwel għażla abbażi tal-kwalifiki ssir **biss** skont ir-risposti mmarkati fis-sezzjoni “evalwazzjoni tal-kapaċitajiet” (“Talent Screener”) tal-applikazzjoni u skont il-piż ta’ kull waħda minn dawn il-mistoqsijiet. Skont l-importanza mogħtija lil kull kriterju msemmi fil-punt 4 ta’ hawn isfel, il-Bord tal-Għażla jistabbilixxi dan il-piż (minn 1 sa 3). Imbagħad, l-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jkunu kisbu l-akbar numru ta’ punti jgħaddu għat-tieni għażla;
- in-numru ta’ fajls eżaminati matul it-tieni fażi ta’ għażla huwa ekwivalenti, għal kull kompetizzjoni/qasam, għal madwar **tlit darbiet** in-numru ta’ kandidati mistiedna għaċ-ċentru ta’ evalwazzjoni. Il-Bord tal-Għażla jeżamina r-risposti tal-kandidati u jagħtihom marka minn 0 sa 4 għal kull tweġiba. Il-marki, immultiplikati bil-piż ta’ kull mistoqsija, jingħaddu ma’ xulxin sakemm tinkiseb il-marka globali.

Imbagħad, il-Bord tal-Għażla jistabbilixxi klassifika tal-kandidati skont dawn il-marki globali. In-numru ta’ kandidati mistiedna ⁽¹⁾ għaċ-ċentru ta’ evalwazzjoni huwa ekwivalenti, għal kull kompetizzjoni/qasam, għal mhux iktar minn **tlit darbiet** in-numru ta’ kandidati magħżula, indikat f’dan l-avviż ta’ kompetizzjonijiet. Dan in-numru ta’ kandidati magħżula se jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-EPPO (www.eu-careers.eu).

2. Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati

Wara ċ-ċentru ta’ evalwazzjoni u fid-dawl tar-riżultati miksuba minnu, id-dikjarazzjonijiet li saru mill-kandidati fl-applikazzjoni elektronika tagħhom se jkunu vverifikati mill-EPPO għall-kundizzjonijiet ġenerali u mill-bord tal-għażla għall-kundizzjonijiet speċifiċi. Għall-evalwazzjoni tal-kwalifiki, id-dokumenti ta’ prova se jkunu kkunsidrati biss biex jikkonfermaw ir-risposti diġà mogħtija fis-sezzjoni “evalwazzjoni tal-kapaċitajiet” (“Talent Screener”). Jekk matul din il-verifika jinstab li dawn id-dikjarazzjonijiet mhumiex ikkonfermati mid-dokumenti ta’ prova rilevanti, il-kandidati kkonċernati jiġu esklużi mill-kompetizzjoni.

Il-verifika ssir b’ordni dixxendenti ta’ mertu, għall-kandidati li kisbu l-minimu meħtieġ u l-aħjar marki għall-eżamijiet ta’ evalwazzjoni kollha d), e), f) u g) taċ-ċentru ta’ evalwazzjoni. Il-kandidati jridu wkoll jiksbu l-minimu meħtieġ fit-testijiet tal-kapaċità a), b) u c). Din il-verifika tibqa’ ssir sakemm jintlaħaq in-numru ta’ kandidati li jistgħu jtniżżlu fil-lista ta’ riżerva u li effettivament jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni. Id-dokumenti ta’ prova tal-kandidati li jikklassifikaw taħt dan in-numru mhux se jiġu eżaminati.

VI. KOMPETIZZJONI ĠENERALI

1. Stedina għaċ-ċentru ta’ evalwazzjoni	Jekk int wieħed mill-kandidati ⁽²⁾ — li jkunu kisbu waħda mill-aħjar marki fit-testijiet ta’ ammissjoni (jekk dawn ikunu ġew organizzati minn qabel, ara t-taqsimi IV) u l-minimu meħtieġ għal dawn it-testijiet u — li, skont id-dikjarazzjonijiet tagħhom fl-applikazzjoni elektronika, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta’ ammissjoni ġenerali u speċifiċi tat-taqsimi III u — li kisbu waħda mill-aħjar marki fl-għażla abbażi tal-kwalifiki, inti tiġi mistieden biex tipparteċipa fl-eżamijiet taċ-ċentru ta’ evalwazzjoni ⁽³⁾ li ġeneralment isiru fi Brussell u li jdumu jum jew jumejn.
--	--

⁽¹⁾ Il-kandidati li ma jiġux mistiedna għaċ-ċentru ta’ evalwazzjoni jistgħu jiksbu r-riżultati tal-evalwazzjoni tagħhom kif ukoll il-piż ta’ kull mistoqsija mingħand il-bord tal-għażla, fuq talba mingħutha fi żmien 10 ijiem kalendarji min-notifika tan-nuqqas ta’ ammissjoni tagħhom għall-kompetizzjoni.

⁽²⁾ F’każ li diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post, dawn il-kandidati kollha se jkunu mistiedna għaċ-ċentru ta’ evalwazzjoni.

⁽³⁾ Minħabba raġunijiet ta’ organizzazzjoni, it-testijiet ta’ raġunament kif ukoll l-istudju ta’ każ partikolari (test e) jistgħu jsiru fiċ-ċentri tal-ittestjar fl-Istati Membri u/jew fi Brussell, indipendentement minn provi oħra li jsiru matul iċ-ċentru ta’ evalwazzjoni.

2. Ċentru ta' evalwazzjoni	Int se tkun evalwat dwar il-kapaċitajiet tiegħek fir-rigward tar-raġunament, ħlief jekk dawn ma kinux diġà evalwati waqt it-testijiet ta' ammissjoni organizzati minn qabel. Din l-evalwazzjoni se ssir permezz ta' dawn l-elementi li ġejjin: a) test tar-raġunament verbali b) test tar-raġunament numeriku c) test tar-raġunament astratt Int se tkun evalwat fuq il-kompetenzi speċifiċi tiegħek fil-qasam magħżul permezz tat-test li ġej: d) intervista strutturata dwar il-kompetenzi fil-qasam, abbażi tar-risposti li tkun tajt fis-sezzjoni “evalwazzjoni tal-kapaċitajiet” tal-applikazzjoni Int se tkun evalwat ukoll fuq dawn il-kompetenzi ġenerali: — Analiżi u soluzzjoni tal-problemi — Komunikazzjoni — Kwalità u riżultati — Tagħlim u żvilupp — Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni — Perseveranza — Ħidma f'tim — Ħiliet ta' tmexxija Dawn il-kompetenzi huma mfissra fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali. Dawn il-kompetenzi se jkunu eżaminati permezz tal-elementi li ġejjin u skont il-mudell li ġej: e) studju ta' każ partikolari f) eżerċizzju fi grupp g) intervista strutturata dwar il-kompetenzi ġenerali			
		Studju ta' Każ Partikolari	Eżerċizzju fi grupp	Intervista strutturata (g)
	Analiżi u soluzzjoni tal-problemi	x	x	
	Komunikazzjoni	x		x
	Kwalità u riżultati	x		x
	Tagħlim u żvilupp		x	x
	Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	x	x	
	Perseveranza		x	x
	Ħidma f'tim		x	x
	Ħiliet ta' tmexxija		x	x
3. Lingwi ta' Ċentru ta' evalwazzjoni	Lingwa 1 għat-testijiet a), b) u c) Lingwa 2 għat-testijiet d), e), f) u g)			

4. Marki	Kapaċitajiet fil-qasam tar-raġunament a) verbali: minn 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti b) numeriku: minn 0 sa 10 punti c) astratt: minn 0 sa 10 punti minimu meħtieġ għat-testijiet b) u c) flimkien: 10 punti It-testijiet a), b) u c) huma eliminatorji iżda l-marki tagħhom mhux se jkunu miżjuda mal-marki tal-elementi l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni. Kompetenzi speċifiċi (test d) minn 0 sa 100 punt minimu meħtieġ: 50 punt piż: 55 % tal-marka globali Kompetenzi ġenerali (testijiet e, f u g) minn 0 sa 80 punt għall-kompetenzi ġenerali kollha flimkien (10 punti għal kull kompetenza) minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza u 40 punt għat-8 kompetenzi ġenerali flimkien piż: 45 % tal-marka globali
----------	--

VII. LISTI TA' RIŻERVA

1. Kandidati li jid-daħħlu fil-listi ta' riżerva	Il-bord tal-għażla jniżżel ismek fil-lista ta' riżerva ⁽⁴⁾ (ara n-numru ta' kandidati magħżula, taq-sima I, punt 1) jekk int tkun wieħed mill-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tat-taq-sima V.
2. Klassifika	Il-listi huma stabbiliti skont il-kompetizzjoni/il-qasam, skont il-grupp ta' mertu (massimu ta' 4) u skont l-ordni alfabetiku f'kull grupp ta' mertu.

VIII. KIF TAPPLIKA

1. Applikazzjoni elettronika	Int għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPPO, u b'mod speċjali fil-Manwal tal-Applikazzjoni. Data ta' għeluq (inkluża l-validazzjoni): it-18 ta' Ottubru 2011 f'12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.
2. Il-fajl ta' applikazzjoni	F'fażi ulterjuri, u jekk tkun tagħmel parti mill-kandidati mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni, se tintalab iġġib il-fajl ta' applikazzjoni komplut (applikazzjoni elektronika ffirmata u dokumenti ta' prova). Data tal-għeluq: id-data tal-għeluq se tkun ikkomunikata fi żmien xieraq, permezz tal-profil tiegħek tal-EPPO biss. Proċedura: ara l-punt 2.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

⁽⁴⁾ F'każ li diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post, dawn il-kandidati kollha jiddaħħlu fil-lista ta' riżerva.

ANNESSI

EPSO/AD/227/11 (AD 6)

ARKIVISTA

1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-uffiċjali jkunu mitluba jwettqu l-kompiti fil-qasam skont kif deskritti, bħala indikazzjoni, hawn taħt:

- l-għoti ta' assistenza u l-għoti ta' pariri lill-istituzzjoni dwar l-aspetti kollha tal-politika ta' arkivjar kif ukoll dwar it-tmexxija tagħha fil-politika iktar wiesgħa tal-ġestjoni tad-dokumenti,
- it-tmexxija funzjonali ta' tim ta' arkivisti,
- il-ġestjoni tal-proġetti fil-qasam tal-arkivjar, il-ġestjoni tad-dokumenti, l-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-arkivjar, l-akkwist u l-pubblikazzjoni tas-sorsi, il-preservazzjoni tad-dokumenti elettroniċi,
- il-koordinazzjoni tat-tweqqi/tal-aġġornament tal-pjanijiet ta' arkivjar, ta' inventarjat u ta' għodod oħra tal-arkivjar,
- id-definizzjoni tal-kriterji ta' deskrizzjoni (metadejta u deskrizzjonijiet iktar mifruxa) tad-dokumenti f'format diġitali, skont l-istandards tal-Kunsill Internazzjonali tal-Arkivji,
- il-kontribuzzjoni għall-garanzija tal-awtentiċità u l-preservazzjoni tad-dokumenti fuq terminu twil, b'mod partikolari f'ambjenti elettroniku,
- l-għajnuna għat-twaqqif tat-taħriġ tekniku għall-membri tal-persunal inkarigati mill-ġestjoni tal-arkivji,
- l-iżgurar tas-segwitu tat-trattament tat-talbiet għal informazzjoni indirizzati fl-Istituzzjonijiet kif ukoll minn riċerkaturi esterni,
- il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mar-riċerkaturi u kwalunkwe entità oħra esterna li titlob xi informazzjoni,
- is-segwitu tal-attivitajiet fil-qasam tal-kuntratti ta' akkwist marbutin mal-informazzjoni/komunikazzjoni u l-kitba tad-dokumenti għall-kuntratti u ta' dokumenti tekniċi oħra fl-istess qasam.

2. Kwalifiki

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji ta' mill-anqas tliet snin, konklużi u ċċertifikati b'diploma. Din id-diploma għandha:

- jew tinkludi mill-inqas kors ta' sena dwar l-arkivjar jew dwar il-ġestjoni ta' dokumenti,
- jew tkun akkumpanjata (qabel jew wara) minn diploma fl-arkivjar jew fil-ġestjoni tad-dokumenti.

3. Esperjenza professjonali

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin fil-qasam tal-arkivjar u/jew tal-ġestjoni tad-dokumenti.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. Kriterji għall-għażla

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Esperjenza professjonali ta' ġestjoni ta' timijiet fi ħdan servizz tal-arkivjar jew ta' ġestjoni ta' dokumenti f'organizzazzjoni pubblika jew privata.
 2. Esperjenza professjonali fl-immaniġġar ta' proġetti ta' arkivjar jew ta' ġestjoni tad-dokumenti.
 3. Esperjenza professjonali fl-iżvilupp tal-istandards internazzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tad-dokumenti u tal-arkivji.
 4. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tad-dokumenti u tal-arkivji.
 5. Esperjenza professjonali fil-qasam tal-ġestjoni tas-servizzi għall-klijenti u tal-komunikazzjoni.
 6. Esperjenza professjonali fil-qasam tal-ġestjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ.
 7. Esperjenza professjonali fil-qasam tal-kuntratti ta' akkwist u tas-sejthiet għall-offerti.
-

EPSO/AD/228/11 (AD 7)

TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ICT) — ĠESTJONI TA' PROĠETTI U TA' SERVIZZI

1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-amministraturi jistgħujwettqu kompiti komuni għat-tliet oqsma fi ħdan l-istituzzjonijiet, bħal:

- it-traduzzjoni tal-ħtiġijiet tan-negozju f'soluzzjonijiet tal-IT,
- il-ġestjoni ta' proġetti jew ta' servizzi tal-IT, it-teħid ta' responsabbiltà għall-kwalità u l-puntwalità tal-kunsinna ta' proġetti/tal-għoti ta' servizzi u t-teħid ta' responsabbiltà għall-konsum tar-riżorsi,
- it-tmexxija, f'kuntast ta' proġett jew servizz tal-IT, tar-relazzjoni bejn in-negozju u l-konsumatur,
- il-ġestjoni ta' timijiet ta' proġetti/servizzi tal-IT, il-ġestjoni ta' kuntratti ta' proġetti/servizzi tal-IT,
- it-tħejjija ta' laqgħat informattivi, rapporti u preżentazzjonijiet.

Qasam 1. Infrastruttura tal-IT u servizzi (31 kandidat magħżula)

Bħala manijer ta' servizz/proġett, il-parteċipazzjoni u t-teħid ta' responsabbiltà għad-definizzjoni, it-twettiq u l-evoluzzjoni tal-arkitettura tal-IT u s-soluzzjonijiet tal-IT f'oqsma bħall-infrastruttura u l-appoġġ għall-utent aħħari, l-arkitetturi orjentati għas-servizzi u/jew ibbażati fuq il-web, il-hosting ta' sistemi ta' informazzjoni, il-virtwalizzazzjoni, is-sistemi ta' backup u taħżin, sistemi ta' database u applikazzjoni ambjentali, eċċ. u fil-proviżjoni operattiva ta' servizzi f'dawn l-oqsma.

Qasam 2. Infrastruttura tat-Telekomunikazzjoni u Servizzi (18-il kandidat magħżula)

Bħala manijer ta' servizzi/proġetti, il-parteċipazzjoni u t-teħid ta' responsabbiltà għad-definizzjoni, it-twettiq u l-evoluzzjoni ta' soluzzjonijiet/servizzi f'oqsma bħal netwerks ta' dejta/vuċi, servizzi bil-vuċi, servizzi ta' konferenzi bil-vidjow, servizzi tal-emails. Bħala manijer ta' servizzi, it-teħid ta' responsabbiltà għall-proviżjoni operattiva ta' servizzi f'dawn l-oqsma.

Qasam 3. Sistemi ta' informazzjoni (22 kandidat magħżula)

Bħala manijer ta' proġetti, il-parteċipazzjoni fid-definizzjoni, fit-twettiq, fl-evoluzzjoni u fl-appoġġ ta' sistemi kbar ta' informazzjoni, u ta' applikazzjonijiet web jew multimedjali u t-teħid tar-responsabbiltà tagħhom. Il-parteċipazzjoni f'timijiet ewlenin responsabbli minn relazzjonijiet mas-sidien ta' negozji, mill-analiżi tal-proċess tan-negozju, mill-arkitettura u t-tfassil tas-sistema, mill-analiżi funzjonali u teknika, mill-iżvilupp, mill-iżgurar tal-kwalità, mill-ittestjar, mill-introduzzjoni ta' sistemi ġodda fl-ambjent tan-negozju, mill-appoġġ, u t-tmexxija ta' dawn it-timijiet.

2. Kwalifiki

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji ta' erba' snin jew iktar, konklużi u ċċertifikati b'diploma fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

JEW

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji ta' mill-inqas tliet snin, konklużi u ċċertifikati b'diploma fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, segwit minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena relatata man-natura tal-funzjonijiet.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena għandha tkun tagħmel parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata man-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

JEW

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji ta' erba' snin jew iktar, konklużi u ċċertifikati b'diploma kif ukoll b'diploma postuniversitarja fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

3. Esperjenza professjonali

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas sitt snin, fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, li minn-hom, erba' snin esperjenza f'wieħed mill-oqsma deskritti fid-deskrizzjoni tal-funzjonijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. Kriterji għall-għażla

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

Qasam 1. Infrastruttura tal-IT u servizzi

1. Taħriġ ta' mill-inqas 40 siegħa fuq maniġment ta' servizzi.
2. Taħriġ ta' mill-inqas 40 siegħa fuq maniġment ta' proġetti.
3. Taħriġ ta' mill-inqas 20 siegħa fuq sigurtà fl-IT.
4. Esperjenza fil-ġestjoni ta' xi proġett fl-arkitettura u/jew fl-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-IT jew ta' servizz tal-IT li kellu baġit totali għall-proġett ta' mill-inqas EUR 200 000.
5. Mill-inqas sentejn esperjenza fil-ġestjoni tas-servizzi ta' servizz tal-IT li kellu spiża annwali totali ta' mill-inqas EUR 500 000 jew ta' tim ta' servizz ta' mill-inqas ħames persuni.
6. Mill-inqas sentejn esperjenza Prattika fis-sigurtà tal-informazzjoni.
7. Mill-inqas sentejn esperjenza fil-konsulenza teknika fl-infrastruttura tal-IT jew fis-servizzi tal-IT.
8. Mill-inqas sentejn esperjenza fil-ġestjoni ta' infrastruttura tal-IT li tinvolvi mill-inqas 40 server jew 500 desktop (jew taħlita ekwivalenti tat-tnejn).
9. Esperjenza fil-proċedura tal-akkwisti pubbliċi (jew mil-lat ta' xerrej pubbliku jew mil-lat ta' provveditur), b'responsab-biltà għall-aspetti tekniċi u dawk relatati mal-proġetti/servizzi ta' infrastruttura tal-IT jew servizzi tal-IT b'valur totali ta' mill-inqas EUR 125 000.

Qasam 2. Infrastruttura u servizzi tat-telekomunikazzjoni

1. Taħriġ ta' mill-inqas 40 siegħa fuq maniġment ta' servizzi.
2. Taħriġ ta' mill-inqas 40 siegħa fuq maniġment ta' proġetti.
3. Taħriġ ta' mill-inqas 20 siegħa fuq sigurtà fl-IT.
4. Esperjenza fil-ġestjoni ta' xi proġett fl-arkitettura u fl-iżvilupp ta' infrastruttura jew servizz ta' networks jew tat-teleko-munikazzjoni li kellu baġit totali għall-proġett ta' mill-inqas EUR 200 000.
5. Mill-inqas sentejn esperjenza fil-ġestjoni tas-servizzi għal servizz ta' network jew ta' telekomunikazzjoni bi spiża ann-wali totali ta' mill-inqas EUR 500 000 jew ta' tim ta' servizz ta' mill-inqas ħames persuni.
6. Mill-inqas sentejn esperjenza Prattika fis-sigurtà ta' networks jew tat-telekomunikazzjoni.
7. Mill-inqas sentejn esperjenza fil-konsulenza teknika fl-infrastruttura jew fis-servizzi tat-telekomunikazzjoni jew tan-net-works.
8. Mill-inqas sentejn esperjenza fil-ġestjoni ta' network b'mill-inqas 100 biċċa apparat ta' network (switches, routers, fire-walls, proxies, eċċ).

9. Esperjenza fil-proċedura tal-akkwisti pubbliċi (jew mil-lat ta' xerrej pubbliku jew mil-lat ta' provveditur), b'responsabilità għall-aspetti tekniċi u dawk relatati ma' proġetti/servizzi ta' infrastruttura jew ta' servizz ta' networks jew ta' telekomunikazzjoni b'valur totali ta' mill-inqas EUR 125 000.

Qasam 3. Sistemi ta' informazzjoni

1. Taħriġ ta' mill-inqas 40 siegħa fuq maniġment ta' proġetti.
 2. Taħriġ ta' mill-inqas 20 siegħa fuq metodoloġija ta' żvilupp ta' softwer.
 3. Esperjenza fil-ġestjoni ta' xi proġett fl-arkitettura u fl-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni li kellu baġit totali għall-proġett ta' mill-inqas EUR 500 000 jew sforz totali ta' mill-inqas ħames snin xogħol ta' persuna.
 4. Mill-inqas sentejn esperjenza Prattika fl-analiżi tal-ħtiġijiet tan-negożju.
 5. Mill-inqas sentejn esperjenza Prattika fl-arkitettura tal-impriża.
 6. Mill-inqas sentejn esperjenza Prattika fl-iżvilupp tal-applikazzjonijiet web.
 7. Mill-inqas sentejn esperjenza Prattika fl-iżvilupp tal-applikazzjonijiet multimedjali.
 8. Mill-inqas sentejn esperjenza fil-konsulenza teknika fl-iżvilupp tas-sistemi tal-informazzjoni.
 9. Esperjenza fil-proċedura tal-akkwisti pubbliċi (jew mil-lat ta' xerrej pubbliku jew mil-lat ta' provveditur), b'responsabilità għall-aspetti tekniċi u dawk relatati mal-proġetti/servizzi tal-iżvilupp ta' sistemi tal-informazzjoni b'valur totali ta' mill-inqas EUR 125 000.
-

EPSO/AD/229/11 (AD 7)

KOOPERAZZJONI U ĠESTJONI TAL-GĦAJNUNA GĦALL-PAJJIŻI TERZI

1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

L-uffiċjali jkunu mitluba jwettqu kompiti fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp, skont kif deskritti, bħala indikazzjoni, hawn taħt:

- il-kontribuzzjoni għat-tfassil ta' politiki tal-iżvilupp inkluż politiki tas-settur u djalogi ta' politika mal-imsieħba u l-partijiet interessati rilevanti,
- il-parteċipazzjoni fl-identifikazzjoni u l-formulazzjoni ta' proġetti u programmi ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp li jinkludu t-tnejja ta' proposti għall-finanzjament u ftehimiet,
- il-ġestjoni operattiva ta' proġetti u programmi ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp, inklużi l-abbozzar ta' termini ta' referenza, sejħiet għall-offerti, ikkuntrattar u superviżjoni tal-implimentazzjoni ta' kuntratti, inkluż l-approvazzjoni ta' rapporti ta' pagamenti u għeluq ta' kuntratti,
- il-ġestjoni operattiva ta' programmi ta' appoġġ għall-baġit (ġenerali u settorjali) għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp,
- il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġetti u programmi ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp,
- il-komunikazzjoni mal-atturi rilevanti kollha bħall-imsieħba governattivi, organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp,
- it-tmexxija ta' tim żgħir ta' kollaboraturi,
- il-ħidma fuq kooperazzjoni fl-iżvilupp fxi taqsim operattiva f'delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Il-kandidat jimpenja ruħu, billi jiffirma l-applikazzjoni tiegħu, li jissottometti għall-obbligu li jaħdem f'delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-aktar f'dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw) meta eventwalment jiġi rreklutat. Ir-reklutaġġi huma previsti għal karigi fil-Kummissjoni.

2. Kwalifiki

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji ta' erba' snin jew iktar, konklużi u ċċertifikati b'diploma f'waħda jew aktar mis-suġġetti li ġejjin: inġinerija, żvilupp rurali, agronomija, sajd, ġestjoni tal-foresti, ambjent, riżorsi naturali, tibdil fil-klima, enerġija, edukazzjoni, saħħa, ekonomija, liġi, xjenzi soċjali, amministrazzjoni tan-negozju u studji relatati mal-iżvilupp.

JEW

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji ta' mill-anqas tliet snin, konklużi u ċċertifikati b'diploma f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li ġejjin: inġinerija, żvilupp rurali, agronomija, sajd, ġestjoni tal-foresti, ambjent, riżorsi naturali, tibdil fil-klima, enerġija, edukazzjoni, saħħa, ekonomija, liġi, xjenzi soċjali, amministrazzjoni tan-negozju u studji relatati mal-iżvilupp, segwiti minn esperjenza professjonali ta' mill-anqas sena f'relazzjoni mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-anqas sena għandha tkun taġġmelt parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata man-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħteġa hawn isfel.

3. Esperjenza professjonali

Esperjenza professjonali ta' mhux inqas minn sitt snin fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp **f'wieħed jew iktar** minn dawn is-setturi: makroekonomija, ġestjoni ta' finanzi pubbliċi, riforma tas-settur pubbliku, is-settur privat, kummerċ, integrazzjoni reġjonali, ambjent u riżorsi naturali, tibdil fil-klima, enerġija, infrastruttura, trasport, ilma, żvilupp rurali, sigurtà tal-ikel, tnaqqis tar-riskju relatat mad-diżastri, agrikoltura, foresterija, sajd, governanza, drittijiet tal-bniedem, elezzjonijiet, parlament, ġudikatura, saħħa, edukazzjoni, koeżjoni soċjali, is-sessi, it-tfal, deċentralizzazzjoni ta' popli indiġeni u awtoritajiet lokali.

Mill-inqas erbgħa mis-sitt snin esperjenza għandhom ikunu nkisbu permezz ta' ħidma fuq proġett jew programm f'pajjiż li qed jiżviluppa, li sentejn minnhom jikkostitwixxu esperjenza bħala mexxej ta' tim.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. Kriterji għall-għażla

Fil-qafas tal-għażla abbażi tal-kwalifiki, il-bord tal-għażla se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Għarfien ta' waħda jew aktar minn dawn il-lingwi (dawn jistgħu jinkludu l-lingwa ewlenija tiegħek u/jew it-tieni lingwa): Ingliż, Franċiż, Portugiż jew Spanjol (livell minimu meħtieġ: B2 tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (CEF)).
2. Diploma jew ċertifika addizzjonali f'wieħed minn dawn l-oqsma relatati mad-dmirijiet: inġinerija, żvilupp rurali, agromija, sigurtà tal-ikel, tnaqqis fir-riskju relatat mad-diżastri, sajd, ġestjoni tal-foresti, ambjent, riżorsi naturali, tibdil fil-klima, enerġija, edukazzjoni, saħħa, ekonomija, liġi, xjenzi soċjali, amministrazzjoni tan-negozju, studji relatati mal-iżvilupp.
3. Esperjenza ta' ħidma fil-kwartieri ġenerali ta' organizzazzjoni internazzjonali jew aġenzija/ministeru għall-għajjnuna bilaterali.
4. Esperjenza ta' ħidma addizzjonali ppruvata (minn barra l-erba' snin meħtieġa fil-punt nru 3 ta' hawn fuq) fil-ġestjoni ta' proġetti jew programmi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
5. Esperjenza ta' ħidma f'rappreżentanza ta' pajjiż għal xi organizzazzjoni bilaterali jew multilaterali (Delegazzjoni tal-UE, Ambaxxata/uffiċċju ta' Aġenzija tal-Iżvilupp ta' Stat Membru tal-UE, uffiċċju reġjonali tan-NU jew ekwivalenti).
6. Esperjenza ta' ħidma addizzjonali ppruvata (minn barra s-sentejn meħtieġa fil-punt nru 3 ta' hawn fuq) bħala mexxej ta' tim.
7. Esperjenza ta' ħidma ma' modalitajiet differenti ta' għoti ta' għajjnuna bħal approċċ ta' proġett, programmi ta' appoġġ fis-settur tal-politika u/jew appoġġ għall-baġit.
8. Esperjenza fl-abbozzar ta' politiki u ta' linji gwida għal organizzazzjonijiet bilaterali u/jew multilaterali.
9. Esperjenza ta' ħidma relatata ma' kwistjonijiet trasversali: demokrazzja, ugwajjanza bejn is-sessi, sostenibbiltà ambjentali u tibdil fil-klima, governanza tajba u drittijiet tal-bniedem, drittijiet tat-tfal u tal-popli indiġeni u l-HIV/AIDS fi proġetti u programmi ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp.
10. Esperjenza ta' ħidma f'bosta minn dawn is-setturi: Makroekonomija, ġestjoni ta' finanzi pubbliċi, riforma tas-settur pubbliku, is-settur privat, kummerċ, integrazzjoni reġjonali, ambjent u riżorsi naturali, tibdil fil-klima, enerġija, infrastruttura, trasport, ilma, żvilupp rurali, sigurtà tal-ikel, tnaqqis tar-riskju relatat mad-diżastri, agrikoltura, foresterija, sajd, governanza, drittijiet tal-bniedem, elezzjonijiet, parlament, ġudikatura, saħħa, edukazzjoni, koeżjoni soċjali, is-sessi, it-tfal, deċentralizzazzjoni ta' popli indiġeni u awtoritajiet lokali.
11. Esperjenza Prattika fil-monitoraġġ u/jew fl-evalwazzjoni ta' proġetti u programmi għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp.
12. Esperjenza ta' ħidma mas-settur privat f'kuntest ta' żvilupp u/jew f'banek internazzjonali għall-iżvilupp.

REVIŻJONI TAL-ĠU C A “KOMPETIZZJONI”

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

19	(PL)
24	
35	(DE/EN/FR)
37	(PL/RO)
60	
68	
76	(DE/EN/FR)
82	
91	
98	
114	(DA)
121	(DA)
122	
135	
140	(BG/ET/HU/MT/PL/SL/SV)
142	
146	
147	(EN/IT/MT/SV)
155	(EN/ES/ET/FR/NL/PL/PT/SK/SL/SV)
156	
157	
162	
169	(EN)
177	(DE/EN/FR)
180	(BG/RO)
181	(DA)
183	(SL)
185	
193	(BG/RO)
198	(CS/HU/LT/MT/PL/SK)
206	(CS/ES/LV/MT/SV)
208	(DE/EN/FR)
221	
222	(BG/RO)
223	
229	
257	
258	
270	
271	

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT